# KUMMISSJONI DWAR IS-SISTEMA ELETTORALI

# RAPPORT FINALI

## WERREJ


Introduzzjoni ..................................................... 2

(A) Is-Sistema Elettorali. ..................................................... 4

(I) Kriterji Specjali li johorgu mit-*Terms of Reference*..................... 5

(II) Kriterji Generali. ..................................................... 5

(III) Proposti u Suggerimenti ..................................................... 9

Il-proposti u suggerimenti li gew mill-pubbliku. ..................................................... 9

Il-proposti li gew mill-partiti politici. ..................................................... 10

Il-proposta tal-Professur Anton Buhagiar. ..................................................... 11

(B) Il-Process Elettorali. ..................................................... 14

(I) Proposti biex il-Ligi Elettorali (Att XXI/91) tigi aggornata u tidhol aktar trasparenza f'certi aspetti tal-process. ..................................................... 15

(II) Proposti li jistghu jikkontribwixxu biex ir-rizultat ahhari ta' Elezzjoni Generali jithabbar aktar kmieni milli sar s'issa. ..................................................... 34

(III) Proposti u kummenti generali dwar oqsma specifici. ..................................................... 37

(A) Il-Karta ta' l-Identita. ..................................................... 37

(B) L-informatika u l-Kompjuters. ..................................................... 39

Konkluzjoni ..................................................... 40

| | |
|---|---|
| Anness A | Terms of Reference tal-Kummissjoni. |
| Anness B1 sa B24 | Sottomissjonijiet mill-pubbliku. |
| Anness C | Traskrizzjoni tas-seduta pubblika. |
| Anness D | Lista ta' Studji Akkademici. |
| Anness E1 sa E4 | Proposti tal-partiti politici u tal-Kummissjoni Elettorali. |
| Anness F | Proposta tal-Profs. A. Buhagiar. |

# KUMMISSJONI DWAR IS-SISTEMA ELETTORALI

# RAPPORT FINALI

## Introduzzjoni

Il-Kummissjoni dwar is-Sistema Elettorali giet imwaqqfa fit-3 ta' Mejju 1994 bl-inkarigu li tistudja kemm is-Sistema Elettorali kif ukoll il-Process Elettorali Malti. Skond it-*Terms of Reference* taghha (Anness A), il-Kummissjoni giet mitluba thejji rapport, bi proposti, suggerimenti u alternattivi li jistghu jkunu mplimentati biex :

(a) fir-rispett ta' principji li jissalvagwardjaw id-drittijiet demokratici tac-cittadini u l-governabilita' tal-pajjiz, is-sistema elettorali tizgura li s-siggijiet fil-Parlament ta' partit politiku jkunu proporzjonali kemm jista' jkun ghall-voti miksuba mill-partit fl-ewwel ghadd ta' voti ; u

(b) jigu mtejba l-process u l-ligi elettorali, b'mod li dawn isiru aktar trasparenti u f'kull stadju taghhom igawdu l-fiducja tal-partiti kollha li qed jiehdu sehem fl-elezzjoni, u tac-cittadini kollha; u biex possibbilment, jinstab mezz kif ir-rizultat ahhari ta' elezzjoni generali jithabbar aktar kmieni milli sar sa issa.

Il-Kummissjoni nghatat zmien sat-30 ta' Settembru sabiex thejji r-rapport taghha li kellu "jirrifletti l-kontribut li l-membri tal-Kummissjoni ser ikunu ghamlu fuq **bazi personali**". B'ittra tat-28 ta' Settembru 1994, it-terminu ta' zmien moghti lill-Kummissjoni biex thejji dan ir-rapport gie estiz sa' l-ahhar ta' Novembru 1994.

Il-Kummissjoni ltaqghet sittax-il darba. Il-pubbliku gie mistieden jaghmel is-suggerimenti tieghu u dawk il-persuni li kkonkorrew inghataw l-opportunita' biex

jespandu fuq il-proposti taghhom f'laqgha specjali mal-Kummissjoni, li kienet miftuha ghall-pubbliku u ghall-media. Kopja ta' l-ittri bis-suggerimenti li rceviet il-Kummissjoni jinstabu f'Anness B1 sa B24, u t-traskrizzjoni tal-laqgha pubblika tinstab f'Anness C ta' dan ir-rapport.

Il-Kummissjoni gabet u kkunsidrat ukoll pubblikazzjonijiet dwar Sistemi Elettorali mhaddma barra minn Malta, kif ukoll pubblikazzjonijiet u kontribuzzjonijiet lokali nkluzi studji akkademici, kif dettaljat fil-lista Anness D.

Il-Kummissjoni kitbet ukoll direttament lit-tliet partiti politici, l-Alternattiva Demokratika, il-Malta Labour Party u l-Partit Nazzjonalista, kif ukoll lill-Kummissjoni Elettorali sabiex dawn formalment jaghmlu s-suggerimenti taghhom. Kopji ta' dawn is-sottomissjonijiet jinsabu f'Anness E1 sa E4.

Skond it-*Terms of Reference* taghha, il-Kummissjoni kellha tliet miri principali li xtaqet tilhaq. L-ewwel mira kienet li ssib mezz kif ir-rapprezentanza fil-Parlament tkun tirrifletti ahjar ix-xewqat ta' l-elettorat; it-tieni illi tikber it-trasparenza u l-*accountability* fit-tmexxija ta' l-Elezzjonijiet u titkabbar il-fiducja tal-poplu u tal-partiti fil-process kollu; u t-tielet illi jithaffef il-process li bih ikun maghruf ir-rizultat ta' l-Elezzjonijiet Generali.

## (A) Is-Sistema Elettorali.

Il-Kummissjoni ttrattat din il-parti tal-inkarigu taghha fid-dawl tad-diffikulta' li s-sistema prezenti jista' teoretikament johloq jekk johrog rizultat f'elezzjoni generali li ma jinkwadrax ruhhu fic-cirkostanzi spjegati fl-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni ta' pajjizna. Dan ghaliex filwaqt li l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni jizgura ghall-anqas li partit li jkollu l-maggoranza assoluta tal-voti, jkollu almenu maggoranza ta' siggu wiehed fil-Parlament, l-istess artikolu ma jsolvix problemi ohra bhal proporzjonalita' f'sitwazzjoni fejn ebda partit politiku ma jgib aktar minn 50% tal-voti validi fl-ewwel ghadd ta' Elezzjoni Generali.

Il-Kummissjoni qablet li d-disproporzjonalita' fis-sistema elettorali tohrog minn dawn iz-zewg fatturi ta' matematika : -

(a) li bil-metodu prezenti ta' kif tigi kalkolata l-kwota, wiehed minn kull sitta (1/6) tal-voti f'Elezzjoni Generali ma jissarrafx f'rapprezentanza fil-Parlament; u

(b) li n-numru ta' eletturi fid-distretti elettorali differenti jista' jvarja b'margini totali ta' ghaxra fil-mija.

Id-diskussjonijiet li sehhew waqt il-laqghat tal-Kummissjoni, kienu necessarjament indirizzati lejn tfitxxija ghal soluzzjoni li tkun tinkwadra ruhha kemm fil-limiti mposti mit-*terms of reference* tal-Kummissjoni, kif ukoll mir-realtajiet politici f'pajjizna, kif johrogu mis-sottomissjonijiet li ghamlu l-partiti politici u minn dawk l-individwi li ghazlu li jipprezentaw xi suggerimenti dwar is-sistema elettorali ta' pajjizna.

## (I) Kriterji Specjali li johorgu mit-*Terms of Reference.*

L-inkarigu li rceviet il-Kummissjoni jiddelinea b'mod car, certi kriterji li hija kellha timxi maghhom. Difatti l-paragrafu (a) tal-ittra ta' hatra li ggib id-data tat-3 ta' Mejju 1994, jistabblixxi b'mod inekwivoku illi kull suggeriment, konsiderazzjoni jew alternattiva ghas-sistema elettorali prezenti, kellhom ikunu maghmula b'mod li :

- jirrispettaw il-principji li jissalvagwardjaw id-drittijiet demokratici tac-cittadini;
- jirrispettaw il-principji li jissalvagwardjaw il-governabilita';
- jizguraw illi s-siggijiet fil-Parlament ta' partit politiku jkunu proporzjonali kemm jista' jkun ghall-voti miksuba mill-partit fl-ewwel ghadd ta' voti.

Proprju l-ahhar punt, obbliga lill-Kummissjoni biex tinkwadra l-proposti taghha fid-dawl tal-principju illi l-proporzjonalita' tas-siggijiet fil-Parlament jigi kalkolat mal-voti miksuba **fl-ewwel ghadd** tal-voti. Kull proposta ohra li ma ssegwix dan il-principju, kellha bilfors tigi skartata ghaliex tohrog barra mill-inkarigu li gie moghti lilha.

## (II) Kriterji Generali.

Irid jinghad illi l-Kummissjoni setghet tiehu wahda minn zewg toroq, u cjoe', jew li tipproponi suggerimenti li ma jiehdux in konsiderazzjoni r-realtajiet politici ta' pajjizna kif jirrizultaw mis-sottomissjonijiet li l-partiti politici stess ressqu quddiem il-Kummissjoni, jew inkella li tinkwadra kull suggeriment fid-dawl ta' dawn ir-realtajiet politici u allura tipprova tasal ghal xi sistema li mhux biss tkun

matematikament u teoretikament korretta, imma li tkun ukoll wahda li tkun tista tigi mplimentata ghaliex hija accetabbli ghall-ispektrum politiku kollu f'pajjizna.

Il-Kummissjoni ghazlet it-tieni triq, li ghalkemm hi l-aktar wahda difficli, pero' hi wkoll l-unika wahda realistika. L-ewwel alternattiva kienet tkun biss ezercizzju akkademiku li ma jwassal imkien jekk ma jkollux ukoll ghall-anqas indikazzjoni ta' appogg u konsensus politiku mill-poplu Malti u mill-partiti politici Maltin.

Fil-konsiderazzjonijiet taghha, l-Kummissjoni setghet tirreferi ghas-sottomissjonijiet bil-miktub maghmula lilha mit-tlett partiti politici, u minn dan l-ezercizzju jirrizulta illi saret enfasi fuq dawn il-kriterji generali :

**Partit Nazzjonalista :**

- Il-proporzjonalita' ghandha titkejjel ma l-ewwel count (pagna 3 tal-proposti PN).
- M'ghandiex tiddahhal sistema tant gdida li tehtieg tibdil radikali kif il-poplu jhares lejn l-elezzjonijiet (pagna 4 tal-proposti PN).
- Kull tibdil u sistema jridu jkunu bilfors koerenti matematikament (pagna 4 tal-proposti PN).
- *Threshold* ta' 5% ekwivalenti ghal aktar minn tlett siggijiet fil-parlament (pagna 7 tal-proposti PN).
- Il-voti ta' min ma jikkwalifikax ghat-*threshold* jigu trasferiti skond il-preferenzi espressi lil dawk il-partiti/kandidati ta' partiti li jkunu kkwalifikaw (pagna 8 tal-proposti PN).

**Malta Labour Party :**

- Ikun hemm rispett lejn il-principji li jissalvagwardjaw id-drittijiet demokratici tac-cittadini u l-governabilita' tal-pajjiz (pagna 3 tal-proposti MLP).
- Is-sistema elettorali tizgura li s-siggijiet fil-Parlament ta' partit politiku jkunu proporzjonali kemm jista jkun ghall-voti miksuba mill-partit fl-ewwel ghadd tal-voti (pagna 3 tal-proposti MLP).
- Tithalla s-sistema ta' trasferabilita' tal-vot minn partit ghall-iehor (pagna 3 tal-proposti MLP).

**Alternattiva Demokratika :**

- Il-proporzjonalita' ghandha tirrelata n-numru ta' voti miksuba mill-partiti politici fuq bazi nazzjonali man-numru ta' siggijiet li jgibu fil-Parlament (pagna 1 tal-proposti AD). Fis-suggerimenti dwar sistema gdida l-AD tipproponi illi l-proporzjon jigi stabbilit ma l-ewwel *count* wara l-*count* preliminari fejn jigu trasferiti l-voti tal-partiti li ma jikkwalifikawx ghal fuq il-partiti li jikkwalifikaw (pagna 4 para 3 tal-proposti AD).
- Il-principju tal-governabilita' jintlahaq permezz ta' *threshold* (pagna 1 tal-proposti AD). L-ekwivalenti ta' tliet kwoti fuq bazi nazzjonali jew l-ekwivalenti ta' kwota f'distrett partikolari ghandu jkun it-*threshold* li jilhaq bilanc gust bejn proporzjonalita' u governabbilita' (pagna 3 tal-proposti AD).
- Fl-ghadd jigi zgurat li tinzamm it-trasferibilita' tal-voti bejn il-partiti li ma jiksbux it-*threshold* ghal dawk il-partiti li jiksbu t-*threshold* (pagni 1 u 3 tal-proposti AD).

- L-ewwel prijorita' fit-tibdil tas-sistema elettorali ghandha tkun is-soluzzjoni tal-problema li tqum meta ebda partit ma jgib il-50%+1 tal-voti (pagna 2 tal-proposti AD).
- It-tibdil mis-sistema prezenti ghandu jkun kemm jista' jkun mill-inqas (pagna 4 tal-proposti AD).

Kif wiehed jista' jara, hemm elementi komuni ghat-tlett posizzjonijiet politici u dawn jistghu jigu ndikati b'dan il-mod :

1. Il-mira principali ghandha tkun li tinholoq sistema li tassigura l-proporzjonalita' massima bejn siggijiet fil-Parlament u voti miksuba mill-partiti.
2. Il-proporzjonalita' titkejjel ma' l-ewwel ghadd tal-voti.
3. It-tibdil mis-sistema prezenti ghandu jkun kemm jista jkun mill-anqas.
4. Is-sistema tkun wahda li tirrispetta l-principji ta' governabilita' fil-pajjiz.

Meta l-Kummissjoni giet biex tiddiskuti s-suggerimenti li wasslulha (jigiefiri kemm dawk tal-partiti politici kif ukoll dawk tal-pubbliku), hija waslet ghal zewg kriterji li gew ikkunsidrati bhala desiderabbli u cjoe' :

(i) Biex jintlahaq l-akbar proporzjon possibbli jkun mehtieg sistema li tilhaq zewg miri principali : (a) li kull vot jissarraf f'rapprezentanza fil-Parlament u (b) li l-proporzjonalita' tas-siggijiet fil-Parlament mal-voti miksuba tkun ikkalkulata fuq kwota ugwali ghal kull siggu (Minuti laqgha Nru 2 pp3.2).

(ii) Suggett ghas-sistema li tigi maghzula, il-Kummissjoni issuggeriet li preferibbilment in-numru ta' deputati eletti fil-Kamra ghandu jkun determinat minn qabel l-elezzjoni (Minuti laqgha Nru 2 pp 3.4).

## (III) Proposti u Suggerimenti

Il-proposti u suggerimenti ghal tibdil fis-sistema elettorali li gew ezaminati mill-Kummissjoni, gew minn tlett ghejjun, u cjoe' mill-pubbliku, mit-tlett partiti politici u mill-espert mahtur mill-Kummissjoni biex jipprova jsib soluzzjoni matematikament koerenti. Fil-kuntest ta' dan ir-rapport, il-kliem "matematikament koerenti" ghandhom ifissru illi s-sistema maghzula tkun tista' dejjem taghti rizultat tajjeb (jigifieri proporzjonali kemm jista' jkun) f'kull xenarju inkluz f'cirkostanzi li llum jistghu jidhru remoti jew estremi.

Id-dettalji tal-proposti jew suggerimenti li tressqu ghall-konsiderazzjoni tal-Kummissjoni, johorgu mid-dokumenti annessi ma' dan ir-rapport, u ghalhekk m'hemmx ghalfejn li wiehed jidhol fil-meritu ta' kull proposta.

Pero, il-Kummissjoni thoss illi huwa necessarju li dan ir-rapport jindika fil-qosor ir-ragunijiet principali, ghaliex l-ebda wahda mill-proposti ewlenin li tressqu ma rnexxielha tirbah il-konsensus unanimu tal-membri tal-Kummissjoni. Fl-istess hin, ghandu jigi enfasizzat illi dan il-fatt wahdu ma jfissirx illi l-proposti huma bla valur intrinsiku, imma jfisser semplicement illi l-Kummissjoni ma setghetx tasal ghal qbil unanimu fuq il-proposti jew xi wahda minnhom.

### Il-proposti u suggerimenti li gew mill-pubbliku.

Mill 24 sottomissjoni li gew mibghuta lill-Kummissjoni, kien hemm 13 li ghamlu proposti ghal tibdil fis-sistema elettorali. L-ohrajn, inkluz dawk maghmula mill-Kummissjoni Elettorali, kienu jittrattaw il-process elettorali u dawn huma kkunsidrati fit-tieni taqsima ta' dan ir-rapport li jgib it-titolu "Il-Process Elettorali".

Kif diga ntqal fl-introduzzjoni ghal dan ir-rapport, l-individwi li ssottomettew proposti, inghataw l-opportunita' li jidhru quddiem il-Kummissjoni u f'laqgha miftuha ghal pubbliku, jispjegaw "viva voce" xi punti li huma jew il-membri tal-Kummissjoni xtaqu li jkunu ccarati. Il-mistoqsijiet u t-twegibiet jirrizultaw mit-traskrizzjoni tas-seduta li tinsab annessa ma dan id-dokument u mmarkata Anness C.

Minn fost dawn il-proposti, kien hemm uhud li gew skartati bi qbil unanimu fil-Kummissjoni, principalment ghaliex ma kienux jinkwadraw rwiehhom fil-kriterji specifici jew generali li gew imsemmija aktar' il fuq f'dan ir-rapport. Kien hemm proposti li gew skartati ghaliex ma kienux prattikabbli, filwaqt li kien hemm proposti ohra li jew ma kienu jsolvu xejn mid-diffikultajiet prezenti, jew ma kienux matematikament koerenti.

Fost dawn it-tip ta' proposti, nsibu suggerimenti biex tidhol sistema ta' listi tal-partiti; sistema li tikkalkula l-proporzjonalita' ma' l-ahhar ghadd u mhux ma' l-ewwel ghadd tal-voti; sistema li tnehhi d-dritt tal-votanti li jesprimu l-preferenzi taghhom u li jaghzlu bejn kandidati ta' partiti differenti; sistemi li jinvolvu diffikultajiet prattici biex jigu mplimentati u sistemi li jistghu jaghtu rizultati fejn l-aggustament ta' sproporzjon ikun jinvolvi numru ta' siggijiet parlamentari bla ebda limitu prattikabbli.

**Il-proposti li gew mill-partiti politici.**

Kif wiehed jista jinnota mis-sottomissjonijiet li saru bil-miktub mill-partiti politici, kemm il-Partit Nazzjonalista kif ukoll l-Alternattiva Demokratika ressqu proposti specifici ghal tibdil fis-sistema elettorali.

Rigward il-proposta tal-Partit Nazzjonalista, kien hemm tlett punti principali li fuqhom ma setax jintlahaq qbil unanimu u cjoe (a) il-proposta li vot ma jibqax trasferibbli meta t-trasferiment isir bejn zewg kandidati ta' partiti differenti li t-tnejn ikunu qabzu t-*threshold*; (b) it-*threshold* propost ta' hamsa fil-mija (5%) tal-voti validi, u (c) il-proposta li l-voti ta' dawk il-partiti li ma jkunux lahqu t-*threshold* jghaddu biss lil dawk il-partiti li jkunu kkwalifikaw u jsir kalkolu mill-gdid tal-proporzjon nazzjonali daqs li kieku dawk il-voti kienu ta' dawk il-partiti li jkunu fil-fatt ikkwalifikaw (ara pagni 7 u 8 tal-proposti PN).

Rigward il-proposta tal-Alternattiva Demokratika, kien hemm tlett punti principali li fuqhom ma setax jintlahaq qbil u cjoe (a) il-proposta li jigu eletti biss erba' minn hamsa tad-deputati bil-metodu prezenti tal-STV, u l-hames deputat jigi assenjat biex tigi accertata l-proporzjonalita; (b) it-*threshold* propost ta' tlett kwoti nazzjonali jew l-ekwivalenti ta' kwota f'distrett; u (c) t-trasferibilita' tal-voti bejn il-partiti li ma jiksbux it-*threshold* ghal dawk li jiksbuha u l-kalkolu mill-gdid tal-proporzjon nazzjonali wara li jsir dan it-trasferiment (ara pagni 3,4 u 5 tal-proposti AD).

Ma kienx hemm proposta specifika minghand il-Malta Labour Party, hlief il-principji generali li gew dikjarati f'pagna 3 tal-proposti MLP.

**Il-proposta tal-Professur Anton Buhagiar.**

Kif diga ntqal, l-Kummissjoni ppruvat tezamina kull proposta li rceviet minn zewg aspetti, u cjoe' : (a) illi l-proposta tohloq sistema elettorali li hi matematikament koerenti u (b) li l-proposta tkun wahda li tista' tigbor konsensus politiku fuq livell nazzjonali.

Mill-bidu nett kien jidher car illi l-aspett tekniku u matematiku kien vitali ghal konsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni peress illi s-sistema maghzula jew it-tibdil propost irid bilfors jghaddi minn test tal-matematika li mhux biss ikun wiehed rigoruz, izda li jipprevedi kull possibbilta, anki l-aktar wahda li llum tista tidher estrema jew remota imma li tista' ssir realta' jekk ic-cirkostanzi politici ta' pajjizna jinbidlu bhal ma nbidlu f'pajjizi ohra.

Ghalhekk il-Kummissjoni ddecidiet li titlob l-assistenza ta' espert f'din il-materja u wara li avvicinat l-Universita' ta' Malta, inkarigat lill-Professur Anton Buhagiar Ph.D, kap tad-Dipartiment tal-Istatistika u *Computer Applications,* biex jezamina l-problemi matematici dwar il-proporzjonalita' li johorgu mis-sistema elettorali prezenti, partikolarment bhala rizultat tas-*Single Transferable Vote* (STV), il-margini permessi fid-daqs tad-distretti elettorali differenti u l-voti mohlija fl-ahhar ghadd. Il-Kummissjoni talbet lill-Prof. Buhagiar jistudja s-sistema u l-problemi matematici li jezistu u jipprova jara jistax jghinha ssib xi soluzzjonijiet prattici ghalihom (ara minuti tal-laqgha Nru 6 tal-5 ta' Lulju 1994 pp 3.1 sa 3.5).

Naturalment, dan l-istudju kellu jkun limitat ghat-tfittxija ta' soluzzjoni matematika minghajr ma jidhol fl-aspetti politici li johorgu minn *issues* bhal dik tal-governabilita'.

Ir-rapport finali u l-proposti tal-Professur Buhagiar jinsabu annessi ma' dan ir-rapport (Annex F) u minnu wiehed jista' jinnota illi s-sistema li giet proposta ssalva l-metodu ta' kif il-poplu Malti dara jivvota, imma tbiddel b'mod radikali l-metodu ta' kif isiru l-kunteggi u kif jigu allokati s-siggijiet u assenjati lill-kandidati. Il-punti kardinali tas-sistema proposta huma hekk :

1. Issir elezzjoni generali ezattament kif qieghda ssir illum.

2. Tintuza l-STV bil-kwota maghrufa bhala Droop fid-distretti kollha.

3. Isir kuntegg nazzjonali ta' l-ewwel preferenzi tal-partiti li kkontestaw.

4. Issir l-assenjazzjoni ta' siggijiet lil kull partit fuq bazi nazzjonali lil kull partit bl-uzu ta' divizur skond is-sistema d'Hondt ghab-bazi tas-sahha tal-partiti fid-distretti kollha.

5. Bl-uzu ta' l-istess sistema d'Hondt, is-siggijiet akkwistati minn kull partit fuq bazi nazzjonali, jigu distribwiti fid-distretti b'mod li jigi assigurat illi kull partit jakkwista n-numru ta' siggijiet ekwivalenti ghal dak allokat lilu nazzjonalment.

Bit-teknika wzata f'dan il-metodu, l-akbar proporzjon possibbli hi garantita ghaliex kull partit jelegi n-numru ta' kandidati ekwivalenti ghal proporzjon ta' voti li jkun gab fuq bazi nazzjonali. Is-sistema tippermetti wkoll t-trasferibilita' tal-voti, sa' l-ahhar stadju possibbli, anke bejn kandidati ta' partiti differenti.

Imma tibqa' mdendla l-kwistjoni tal-governabilita', u allura l-Kummissjoni ppruvat tidhol fil-kwistjonijiet politici li huma necessarjament involuti, u cjoe' (a) ghandux ikun hemm *threshold* nazzjonali; (b) x'inhu jew x'ghandu jkun dan it-*threshold* nazzjonali u/jew kwota distrettwali; u (c) x'jigri mill-voti li jkunu nghataw lill-kandidati ta' partiti li ma jkunux ikkwalifikaw ghal rappresentanza parlamentari.

Ghalkemm saru diskussjonijiet intensivi fil-Kummissjoni, ma setax jintlahaq qbil unanimu rigward it-tliet punti msemmija.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda illi jitkompla l-kuntatt fuq livell politiku sabiex isir sforz halli jintlahaq qbil dwar dawn it-tliet punti. F'kaz li jintlahaq dan il-qbil,

allura l-Kummissjoni m'ghandhiex dubju illi l-proposta tal-Prof. Buhagiar, tista' tigi adottata bhala soluzzjoni dejjiema ghad-diffikultajiet li ssemmew fil-bidu ta' dan ir-rapport.

## (B) Il-Process Elettorali.

Kif intqal fl-introduzzjoni ghal dan ir-rapport, il-Kummissjoni rceviet diversi suggerimenti ghal tibdil fil-process elettorali. Dawn is-suggerimenti gew minn dawn l-ghejjun principali (i) il-Kummissjoni Elettorali; (ii) il-Partiti Politici; (iii) il-pubbliku u (iv) il-membri tal-Kummissjoni stess. Kull proposta li tressqet bil-miktub quddiem il-Kummissjoni, tinsab annessa ma dan ir-rapport fl-Anness B1 sa B24 u E1 sa E4, u ghalhekk m'hemmx ghalfejn li wiehed joqghod jidhol fid-dettal ta' dawn il-proposti.

Il-Kummissjoni kellha l-opportunita' li tiddiskuti whud minn dawn il-proposti ma' min ipproponihom, kemm fil-laqgha pubblika li nzammet (ara t-traskrizzjoni f'Anness C), kif ukoll fil-laqghat taghha, partikolarment meta stiednet rapprezentant tal-Kummissjoni Elettorali biex jattendi u jiccara xi aspetti tas-sottomissjonijiet li kienu saru minn dik il-Kummissjoni.

Ghal fini ta' pratticita', gie deciz illi din il-parti tar-rapport, issemmi biss dawk il-proposti li fuqhom kien hemm qbil unanimu fil-Kummissjoni u dan kif jirrizulta mill-minuti tal-laqghat. Fejn kien possibbli, l-Kummissjoni ghazlet li tindika l-artikoli tal-ligi li ghandhom jigu emendati jew mizjuda, principalment fl-Att ta' l-

1991 dwar l-Elezzjonijiet Generali (Att Nru XXI tal-1991, hawn taht imsemmi fil-qosor bhala l-"Att XXI/91")

Il-proposti li fuqhom intlahaq qbil, jistghu jigu mqeghda fi tliet kategoriji distinti u cjoe' (I) proposti biex il-ligi elettorali tigi aggornata u tidhol aktar trasparenza f'certi aspetti tal-process; (II) proposti li jistghu jikkontribwixxu biex ir-rizultat ahhari ta' Elezzjoni Generali jithabbar aktar kmieni milli sar s'issa; u (III) proposti u kummenti generali dwar oqsma specifici.

(I) **Proposti biex il-Ligi Elettorali (Att XXI/91) tigi aggornata u tidhol aktar trasparenza f'certi aspetti tal-process.**

Din il-parti tar-rapport tittratta proposti specifici ghal emendi fl-Att XXI/91, li fil-maggoranza kbira taghhom, ghandhom iservu biex jirrendu l-process elettorali aktar trasparenti u biex jaggornaw din il-ligi ghall-prattika u ghall-esperjenza posittiva li kien hemm matul l-ahhar Elezzjonijiet Generali u l-Elezzjonjiet ghal Kunsilli Lokali.

1. **Artiklu 6 - Kunsinna ta' Applikazzjonijiet jew Komunikazzjonijiet lill-Kummissjoni Elettorali** - Kull riferenza li hemm fl-Att XXI/91 dwar xoghol li ghandu jsir mill-membri tal-Korp tal-Pulizija u/jew Ufficjali tal-Pulizija ghandha tispicca. Ghandu jigi kkunsidrat li dawn is-servizzi jibdew isiru mill-Kunsilli Lokali bhala parti mid-doveri taghhom lejn ic-cittadini. Ghalhekk fl-ufficini tal-Kunsilli Lokali ghandu jkun hemm il-formoli mehtiega ghat-

thaddim tal-ligi elettorali u anke Registru Elettorali sabiex kull cittadin ikun jista' jivverifika l-partikolaritajiet tieghu.

Kull komunikazzjoni mibughta mill-Kummissjoni Elettorali lill-eletturi dwar id-dritt tal-vot ghandha ssir permezz ta' posta registrata (ara wkoll il-Proposti N.6 u N.8).

2. **Artiklu 7 - Il-Kummissjoni Elettorali :** Il-personalita' guridika u legali tal-Kummissjoni Elettorali ghandha tigi stabbilita b'mod li jaghmilha korp maghqud li jkollu personalita' legali distinta. B'hekk il-Kummissjoni tkun korp kostitwit indipendentement mill-ezekuttiv u jigu evitati problemi ta' natura guridika kemm meta l-Kummissjoni jkollha tirrikorri l-Qorti, kif ukoll meta tittiehed azzjoni legali kontriha.

Ghalhekk qieghed jigi suggerit illi l-Att XXI/91 jigi emendat billi jidhlu zewg sub-artikoli godda ghall-artikolu 7 li jkunu jghidu hekk :

"7(3) Il-Kummissjoni tkun korp maghqud li jkollha personalita' legali distinta u li tkun tista', salvi d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, taghmel kuntratti, takkwista, zzomm u tiddisponi minn proprjeta' ghall-finijiet tal-funzjonijiet taghha, li tharrek u tigi mharrka w li taghmel dawk il-hwejjeg kollha u dawk it-transazzjonijiet, irbit u obbligi kollha li jkunu incidentali jew iwasslu ghall-ezercizzju jew qadi tal-funzjonijiet taghha.

7(4) Ir-rapprezentanza guridika tal-Kummissjoni tkun vestita fil-Kummissjonarju Elettorali Principali jew f'dak il-membru iehor jew

dawk il-membri ohra tal-Kummissjoni li l-Kummissjoni tista' tistabbilixxi b'rizoluzzjoni."

3. Artiklu 10(2) - **Delegati tal-Partiti - Drittijiet tad-Delegati - Dmirijiet tal-Kummissjoni Elettorali** - Il-Kummissjoni Elettorali ghandha jkollha l-obbligu li kull xahar tibghat lid-delegati tal-partiti rapport dwar id-decizjonijiet li tkun hadet fil-laqghat taghha.

4. Artiklu 10(6) - **Informazzjoni f'forma elettro-manjetika** - L-informazzjoni kollha li l-Kummissjoni Elettorali hi obbligata bil-ligi li taghti lill-partiti politici ghandha tinghata wkoll fuq mezzi eletronnici jew elettro-manjetici, jekk jintalab hekk. Ghalhekk l-artikolu 10(6) tal-Att XXI/91 ghandu jigi emendat billi jithassru l-kliem "it-taghrif, dokumenti jew listi ghandhom jinghataw lid-delegati tal-partiti oralment jew f'ghamla miktuba jew stampata li ma jkunx mehtieg ebda strument jew process elettroniku, manjetiku jew xi process iehor simili biex jinqara, u f'ebda ghamla ohra" u jizdied sub-artikolu iehor li jkun jghid hekk :

> "Id-delegati tal-partiti jkollhom il-jedd jitolbu li dak it-taghrif, dokumenti u listi li l-Kummissjoni ghandha taghtihom, jinghatalhom f'dik l-ghamla orali, miktuba, stampata jew elettro-manjetika permezz tat-taghmir li jkollha".

Din il-fakulta ghandha tghodd ukoll ghar-Registru Elettorali li ghandu jkun accessibbli ghall-pubbliku kollu f'forma elettro-manjetika wkoll.

5. **Artiklu 13(2) - Post fejn jinzammu seduti ta' l-Ufficjali Revizuri** - In vista tal-proposta ghall-emenda ta' l-artiklu 6 (ara proposta Nru 1), dan l-artiklu ghandu jigi emendat billi l-kliem "fi stazzjon tal-Pulizija jew post iehor" jigu mibdula bill-kliem "fil-Qorti jew fl-Ufficcju tal-Kunsill Lokali".

6. **Artiklu 13(5) - Procedura ta' notifika** - Ghandha tispicca kull riferenza ghall-ufficjali tal-pulizija fit-tqassim/xoghol ta' appelli elettorali. Bhala procedura ghandha tintuza l-posta registrata fl-ewwel stadju, u f'kaz li n-notifika ma ssehhx, issir notifika permezz tal-Marixxal tal-Qorti.

7. **Artiklu 13(5) - Appelli dwar mard mentali** - Il-kazijiet li jittrattaw appelli dwar mard mentali, ghandhom jigu riferuti lil Bord Mediku stabbilit bis-sahha tal-artiklu 14 tal-ligi u l-elettur ma jkollux ghalfejn jattendi ghas seduta tal-Qorti.

8. **Artiklu 13(6) - Procedura ta' Affissjoni** - Il-procedura ta' l-affissjoni msemmija f'dan is-sub-artikolu, ghandha tibqa b'dan, pero', illi jizdied l-obbligu ta' pubblikazzjoni ghal darbtejn fil-gazzetti kollha ta' kulljum.

9. **Artiklu 13 - Motivazzjoni ghad-decizjonijiet u Dritt ta' Appell** - L-Ufficjali Revizuri ghandhom ikunu obbligati li jiktbu l-motivazzjoni tad-digrieti moghtija minnhom u mhux semplicement jaghtu ordni. Barra minn dan ghandu jkun hemm dritt ta' appell minn decizjonijiet moghtija mill-Ufficjali Revizuri, izda dan id-dritt ikun limitat ghal punti ta' ligi biss. L-appell ghandu jsir

quddiem il-Qorti ta' l-Appell u dan f'terminu ta' zmien li ghandu jigi stabbilit b'mod li jkun prattikabbli.

10. **Artiklu 16(2) - Reat** - Kull min volontarjament jaghmel uzu minn dokument li huwa jkun jaf li jkun falz, jew ta' dokument li huwa jkun jaf li ma jkunx legalment intitolat ghalih, ghandu jigi kkunsidrat li kkometta reat punibbli b'pieni horox.

11. **Artiklu 19 - Investigazzjonijiet mill-Kummissjoni Elettorali** - Il-Kummissjoni Elettorali ghandu jkollha Dipartiment fi hdanha b'funzjoni specifika li jivverifika l-informazzjoni relatata mar-Registru Elettorali. Dan id-dipartiment ghandu jaghmel verifiki mad-diversi dipartimenti tal-Gvern dwar il-kwalifiki ta' l-eletturi u kif ukoll dwar id-dettalji ta' l-eletturi li jidhru fir-Registru Elettorali. Barra minn dan, il-Kummissjoni Elettorali ghandu jkollha id-dover li kull tant zmien taghmel kampanji ta' pubblicita' dwar ir-registrazzjoni ta' eletturi.

12. **Artiklu 20 - Dmir ta' l-impjegati tal-Gvern li jaghtu informazzjoni** - Mal-provvedimenti ezistenti ghandhom jizdiedu l-obbligi segwenti :

(a) l-ufficjal responsabbli mir-Registru Pubbliku ghandu jibghat lill-Kummissjoni Elettorali listi ta' persuni li zzewgu u ta' min ghalaq it-tmintax-il sena;

(b) ir-Registratur tal-Qrati ghandu jibghat listi ta' min gie definittivament ikkundannat ghal sentenza ta' habs ta' aktar minn sena;

(c) l-ufficjal responsabbli mill-habs ghandu jibghat listi ta' priguniera mehlusa;

(d) l-ufficjal responsabbli mill-Ufficcju tac-Cittadinanza ghandu jibghat listi ta' min jinghata jew jitlef ic-cittadinanza.

13. **Artiklu 20(3) - Dmir ta' l-Ufficjal responsabbli mir-Registru Pubbliku -** Ghandhom jitnehhew il-kliem "li ghalqet tmintax-il sena" minn dan l-artiklu tal-ligi, u dan sabiex il-Kummissjoni Elettorali tkun f'posizzjoni li tikkontrolla ahjar il-possibbilta' li jigu registrati bhala eletturi persuni taht identita falza.

14. **Artiklu 20 - Dmir tal-Kummissjoni Elettorali -** Ghandhu jizdied sub-artiklu gdid biex jobbliga lill-Kummissjoni Elettorali li taghti kopji tal-listi li tircevi skond dan l-artiklu, lid-delegati tal-partiti politici.

15. **Artiklu 26 - Taghrif mill-Kummissjoni Elettorali -** Ghandhu jizdied sub-artiklu gdid biex jobbliga lill-Kummissjoni Elettorali li tavza lill-elettur bid-decizjoni finali taghha illi dak l-elettur gie mnehhi mir-Registru Elettorali.

16. **Artiklu 28 - Taghrif dwar registrazzjonijiet godda -** Din il-klawsola ghandha tigi emendata sabiex tippermetti illi t-taghrif dwar registrazzjonijiet godda jinghata f'forma elettro-manjetika u biex dan it-taghrif ikun jinkludi bidliet fl-ismijiet tat-toroq u tan-numru tal-karta ta' identita ta' l-eletturi.

17. **Artiklu 31 - Ir-Registru Elettorali** - Ghandu jkun hemm konsolidazzjoni tal-ligijiet li jirrigwardaw ir-Registru Elettorali ghal Kunsilli Lokali u dak tal-Elezzjonijiet Generali, b'mod li jkun hemm ligi wahda li tirregola kemm il-pubblikazzjoni ta' dawn ir-Registri, kif ukoll ir-registrazzjoni tal-votant.

Il-Kummissjoni qieghda tirrakkomanda illi kull sitt xhur jigi pubblikat kemm ir-Registru ghall-Elezzjonijiet Generali fil-format prezenti, kif ukoll dak tal-Kunsilli Lokali kontemporanjament.

Barra minn dan, ir-Registru Elettorali ghandu jinkludi skeda b'rendikont dwar caqlieq fin-numru ta' eletturi. L-iskeda ghandha tkun fil-forma murija fid-dokument markat Appendici I mas-sottomissjonijiet f'Anness E2 ta' dan ir-rapport.

Il-Kummissjoni Elettorali tkun tista tindika l-isem ta' lokalitajiet differenti fid-distretti partikolari.

18. **Artiklu 35 - Eletturi f'Elezzjoni** - Dan l-artiklu ghandu jigi emendat sabiex kull min jaghmel uzu minn dokument ghall-vot meta jkun jaf li huwa ma kienx intitolat ghal dak id-dokument, ikun hati ta' reat taht il-ligi elettorali. F'kaz li d-dokument tal-vot ikun gie accettat minn persuna ohra, meta l-istess persuna kienet konxja li dik il-persuna tilfet id-dritt tal-vot, il-persuna li tkun accettat id-dokument tal-vot ghandha tkun hatja ta' reat taht il-ligi elettorali (ara wkoll proposta Nru 10 hawn fuq).

19. **Artiklu 40 - Terminu ghal appell** - Dan l-artiklu ghandu jigi emendat sabiex it-terminu ghal appell elettorali minn terzi persuni jizdied minn erbatax il-gurnata ghal wiehed u ghoxrin gurnata wara l-pubblikazzjoni tar-Registru Elettorali.

20. **Artiklu 41(4) - Decizjonijiet tal-Bord Mediku** - Id-decizjonijiet tal-Bord Mediku ghandhom jitressqu lill Ufficjal Revizur permezz tac-*Chairman*, f'forma ta' rapport iffirmat mill-membri kollha ta' dak il-Bord Mediku.

21. **Artiklu 43 - Certifikat tar-Registratur tal-Qrati tal-Magistrati** - Dan l-artikolu ghandu jigi emendat sabiex jobbliga lill Kummissjoni Elettorali tibghat kopja ta' dan ic-certifikat lid-delegati tal-partiti.

22. **Artiklu 46(1) - Dokument ghall-votazzjoni** - Dan l-artikolu ghandu jigi emendat sabiex il-Kummissjoni Elettorali tkun obbligata li tuza l-karta tas-sigurta' ghad-dokumenti ghall-votazzjoni, bhal ma tintuza ghall-polza tal-vot.

23. **Artiklu 46(2) - Verifika tal-partiti politici** - Il-Kummissjoni Elettorali ghandha tipprovdi dawk il-kontrolli li jkunu gustifikati u necessarji sabiex ma jkun hemm ebda abbuz jew possibbilta' ta' abbuz fil-process ta' l-istampar tad-dokument ghall-votazzjoni. Ghandu jkun hemm ukoll il-possibbilta' ta' *dummy run* tal-process fejn jidhlu sistemi komputerizzati. Dawn is-sistemi ghandu jkollhom *audit trails* efficjenti u kopji ta' dawn l-*audit trails* ghandhom

jinghataw lid-delegati tal-partiti. Il-partiti ghandhom jinghataw ukoll id-dritt li jaghmlu marka tas-sigurta' fuq id-dokument tal-votazzjoni.

24. **Artiklu 46(6) - Dokument tal-Vot li ma jkunx gie notifikat** - Dan is-sub-artiklu ghandu jigi emendat sabiex jippermetti illi t-tqassim ta' dokumenti ta' voti li ma jkunux gew notifikati, ikun jista' jsir ukoll mill-ufficcju tal-Kunsilli Lokali u ghal dan l-iskop titnehha l-htiega li jkun prezenti Kummissjonarju fit-tqassim taghhom bis-salvagwardja li tkun persuna nominata mill-Kummissjoni u li tkun trid tiehu l-gurament relattiv.

Apparti minn dan, ghandu jidhol sub-artikolu gdid li jaghmilha obbligatorja fuq il-Kummissjoni li hi stess, jew persuni nominati minnha, jqassmu dokumenti ta' voti li ma jkunux gew notifikati, lil persuni rikoverati fl-isptar, djar ta' anzjani, *bed ridden*, jew persuni b'dizabilita' u li minhabba f'dawn ic-cirkostanzi jew xi wahda minnhom, ma jkunux jistghu jmorru fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali biex jigbruh.

25. **Artiklu 47 - Hinijiet biex jingibdu dokumenti specjali** - Dan l-artiklu ghandu jigi emendat billi l-hin stabbilit "6.00 p.m." jigi sostitwit bil-hin "9.00 p.m." u dan sabiex il-hin ikun konformi mal proposta dwar il-gbir ta' dokumenti ghall-votazzjoni li ma jkunux tqassmu. Din l-estensjoni toffri aktar kumdita lic-cittadin specjalment f'kaz li bniedem ikun xoghol.

26. **Artiklu 49(3) - Poloz tal-Votazzjoni** - It-tmien skeda msemmija f'dan is-sub-artiklu, ghandha tkun emendata sabiex il-kolonna ta' fejn elettur inizzel il-

preferenza tieghu, ssir fuq il-lemin. B'hekk, tigi evitata s-sitwazzjoni prezenti fejn elettur ikollu jaghmel idu fuq l-isem waqt li jkun qieghed jikteb l-vot. Barra minn dan, il-parti (b) tal-polza tal-vot ghandha titnehha, b'dan pero li l-istess regoli ghandhom jitwahhlu b'mod prominenti, fil-kompartamenti kollha tal-kmamar tal-votazzjoni.

27. **Artiklu 49(6) - Poloz tal-Votazzjoni u distintiv tal-partiti** - Dan is-sub-artiklu ghandhu jigi emendat sabiex id-diskrezzjoni tal-Kummissjoni Elettorali tigi mibdula f'obbligu, fis-sens illi l-Kummissjoni Elettorali tkun obbligata li tistampa d-distintiv tal-partit hdejn isem il-kandidat.

28. **Artiklu 50 - Stampar tal-karti tal-vot** - Ghandu jidhol sub-artiklu gdid f'dan l-artiklu, li jkun jobbliga lill-Kummissjoni Elettorali sabiex tistampa l-karti tal-vot kemm jista' jkun vicin id-data ta' l-Elezzjoni Generali.

29. **Artiklu 50(2) - Tqassim ta' poloz** - Ghalkemm il-ligi fil-prezent tipprovdi li l-Kummissjoni Elettorali ghandha tqassam il-poloz tal-vot qabel ma tibda l-votazzjoni, fil-passat (fl-1992), il-poloz tal-vot flimkien mal-materjal kollu mehtieg fil-jum tal-votazzjoni gie mqassam flimkien mal-kaxxi tal-votazzjoni u gew imqieghda fl-i*strong room* ta' kull post tal-votazzjoni. Ghalhekk il-ligi ghandha tiehu konsiderazzjoni ta' dan it-tibdil u l-partiti politici ghandhom jinghataw kontroll fuq dan il-process.

30. **Artiklu 51(5) - Nomina ta' kandidati** - It-termini kollha msemmija f'dan is-sub-artiklu, ghandhom jigu mibdula bil-ghan li jinghata aktar zmien ghall-appell lill-Qorti u tizgura li dan jigi deciz. Ghaldaqstant, (i) il-Kummissjoni Elettorali ghandha tkun obbligata li tiddeciedi l-oggezzjonijiet fi zmien ta' mhux aktar minn jumejn; (ii) il-Kummissjoni tkun obbligata li tinforma lill-kandidat u lil min ikun ressaq l-oggezzjoni, bid-decizjoni taghha u r-ragunijiet li ghalihom waslet ghal dik id-decizjoni; (iii) l-appell lill-Qorti ta' l-Appell ghandu jsir fi zmien gurnata mid-data li d-decizjoni tal-Kummissjoni Elettorali tigi komunikata lill-kandidat; u (iv) il-Qorti ta' l-Appell tkun obbligata li tisma l-kaz b'urgenza u li tiddecidih mhux aktar tard minn sebat ijiem qabel il-gurnata ta' l-elezzjoni.

31. **Artiklu 55 - Irtirar ta' nomina ta' kandidat** - Kandidat ghandu jkollu l-fakulta' li jkun jista' jirtira n-nomina tieghu sa ghaxart ijiem qabel il-gurnata ta' l-Elezzjoni Generali.

32. **Artiklu 56(1) - Hatra ta' Assistenti Kummisjonarji** - Il-Kummissjoni Elettorali ghandha tkun obbligata li tahtar bhala Assistenti Kummissjonarji, persuni li jkunu kwalifikati u li jistghu jaqdu d-dmirijiet taghhom skond it-termini tal-ligi elettorali. Barra minn dan, ghandha tizdied l-iskwalifika li persuni li mhux registrati bhala eletturi ma jistghux jigu nominati jew maghzula bhala Assistenti Kummissjonarji.

Dawn il-kriterji ghandhom ikunu applikabbli wkoll ghal persuni li jintghazlu biex jghoddu, jissorveljaw u jikkalkulaw skond l-artiklu 87 tal-Att XXI/91.

Il-Kummissjoni qieghda tirrakkomanda wkoll illi l-Assistenti Kummissjunarji Elettorali ghandhom jilbsu distintiv mahrug mill-Kummissjoni Elettorali, liema distintiv ikun jindika l-isem tal-persuna imma ma jkunx jindika il-partit politiku li jkun innominah. Barra minn dan, il-President tas-sede elettorali jkun dak nominat mill-Kummissjoni Elettorali u huwa dan il-President biss li ghandu jikkomunika mal-votant.

33. **Artiklu 57(1) - Nomina ta' Assistenti Kummissjonarji mill-partiti** - Il-partiti politici ghandhom jissottomettu lista bl-ismijiet tal-persuni nominati minnhom bhala Assistenti Kummissjonarji Elettorali, u lista ohra bl-ismijiet tal-persuni nominati bhala riservi. Il-partiti ghandu jkollhom ukoll id-dritt li jispecifikaw l-ismijiet fil-listi ta' dawk il-persuni li jkunu gew nominati biex iservu f'postijiet ta' votazzjoni ta' l-anzjani. Il-partiti jkunu jistghu jaghzlu li jissottomettu dawn il-listi bil-miktub jew f'forma elettro-manjetika.

34. **Artiklu 59 - Oggezzjonijiet dwar Assistenti Kummissjonarji** - It-terminu li fih il-partiti jkunu jistghu joggezzjonaw ghan-nomini ta' Assistenti Kummissjonarji Elettorali ghandu jizdied minn jumejn ghal erbat ijiem.

35. **Artiklu 60(3) - Hatra ta' Agenti Elettorali** - Dan is-sub-artiklu ghandu jigi emendat sabiex l-agent tal-kandidat ma jibqax jissejjah "Agent Elettorali" izda ghandu jissejjah "Agent tal-Kandidat". Barra minn dan, huwa l-kandidat innifsu li ghandu jkun personalment responsabbli ghar-rendikont finanzjarju u mhux l-agent tieghu.

36. **Artiklu 61(3) - Hatra ta' Agenti ta' Partiti** - Il-partiti politici ghandu jkollhom id-dritt li jaghzlu illi x-xoghol ta' l-agenti tal-partiti jaghmluh l-Assistenti Kummissjonarji Elettorali nominati mill-partiti politici. Barra minn dan, il-partiti politici ghandu jkollhom id-dritt li jahtru persuna ghal kull distrett elettorali li jkolla l-funzjoni illi flimkien ma' membru tal-Kummissjoni Elettorali, tidhol f'post tal-votazzjoni, sabiex jigu solvuti kull kwistjoni/problema li tista' tinqala f'jum il-votazzjoni (ara wkoll il-proposta Nru 38 hawn taht).

37. **Artiklu 62 - Skwalifika ta' Agenti Elettorali** - Ghandha tizdied ma' din il-klawsola l-iskwalifika ghal dawk il-persuni li ma jkunux registrati bhala eletturi.

38. **Artiklu 63(2) - Identifikazzjoni ta' Agenti Elettorali u Agenti tal-Partiti** - Ir-rapprezentanti tal-partiti politici m'ghandhomx jiddistingwu ruhhom minn xulxin (ara wkoll il-proposta Nru 32 hawn fuq). Barra minn dan, il-bzonn illi l-partiti politici jissottomettu ritratt tal-persuni nominati ghandu jispicca ghaliex l-istess ritratt tal-Kummissjoni Elettorali qieghed jintuza sabiex isiru l-*identification cards* tal-*personnel* impenjat fil-process elettorali.

39. **Artiklu 68 - Kaxxi tal-Voti** - Il-kaxxi tal-voti ghandhom ikunu possibbilment ta' materjal trasparenti (*translucent*). Preferibbilment, il-polza tal-vot ghandha tinghalaq qiesu envelopp, u jekk il-kaxxa tal-voti tkun ta' materjal trasparenti, allura ghandu jigi stabbilit fil-ligi illi l-kaxxa tal-voti tinzamm vicin il-President tas-sede, f'post fejn ikun jista' jarha u jikkontrollha.

40. **Artiklu 69 - Sigillar** - Il-kaxxi tal-votazzjoni ghandhom jigu ssigillati mmedjatament qabel tibda l-votazzjoni minnflok hmistax qabel. Ghalhekk dan l-artiklu ghandu jinbidel b'iehor li jistabbilixxi illi s-sigillar tal-kaxxi tal-voti ghandu jsir fil-postijiet tal-votazzjoni immedjatament qabel tibda l-votazzjoni u s-sigilli jsiru biss mill-Kummissjoni Elettorali u mill-partiti politici u mhux mill-kandidati, agenti, delegati jew rapprezentanti tal-partiti. Dan it-tibdil jista' jinvolvi wkoll il-bzonn ta' xi emendi fil-Kostituzzjoni.

41. **Artiklu 70(4) - Votazzjoni** - It-tifsira tal-kliem "timbru ufficjali" ghandha titnehha minn dan is-sub-artiklu u titqieghed fl-artiklu 2 tal-ligi elettorali (Att XXI/91), flimkien mat-tifsir l-iehor uzat fil-ligi.

42. **Artiklu 71(4) - Kif wiehed jivvota** - L-Assistenti Kumissjunarji Elettorali ghandhom id-dover li jassiguraw li kull elettur jixhet biss il-polza tal-vot fil-kaxxa tal-voti. Dan isir billi l-elettur juri t-timbru ufficjali fuq il-polza tal-vot (mitwijja) qabel ma jixhetha fil-kaxxa tal-vot.

43. **Artiklu 72(4) - Eletturi Analfabeti jew inkapaci** - Id-dikjarazzjoni wzata fit-thaddim ta' dan l-artiklu ghandha tkun tifforma parti mill-ligi permezz ta' skeda.

44. **Artiklu 73 - Il-*polling booth*** - Dan l-artiklu ghandu jimponi obbligu illi kull *polling booth* tkun dizinjata b'mod li l-votant ikun jista' jimla l-vot fi privatezza

u minghajr ma l-Assistenti Kummissjunarji jkunu jistghu jaraw kif il-votant qieghed jivvota.

45. **Artiklu 74 - l-Assistenti Kummissjonarji u l-vot** - Ghandu jidhol l-obbligu li l-votant juri lill-Assistent Kummissjonarju Elettorali, t-timbru ufficjali fuq il-polza qabel ma jixhetha fil-kaxxa tal-vot.

46. **Artiklu 77 - Anzjani residenti f'Dar ta' l-Anzjani jivvutaw fil-kaxxi tal-voti mhallta** - Ir-residenti tad-djar ta' l-anzjani li jkunu ghadhom registrati fl-indirizz fil-lokal taghhom, ghandhom ikollhom id-dritt li jivvutaw fid-djar ta' l-anzjani stess billi jsir uzu mill-kaxxi tal-voti mhallta. Dan l-artiklu 77 ghandu jigi emendat sabiex jiddetermina min jista' jivvota fil-kaxxa mhallta (Imma ara wkoll il-proposta N.48 hawn taht fejn qieghed jigi propost illi votanti li jivvutaw f'Dar tal-anzjani jew f'isptar, ghandhom jivvutaw fil-kaxxa tad-distrett ta' fejn huma registrati, u mhux f'kaxxa ta' voti mhallta).

47. **Artiklu 78 - Gheluq tal-votazzjoni** - Dan l-artiklu tal-ligi ghandu jigi ccarat sabiex jigi stabbilit liema dokumenti ser jigu maghmula f'liema pakketti. Barra minn dan, ghandu jkun hemm dokument li juri x'uzu sar minn kull dokument matul il-votazzjoni - dan jista' jsir billi ssir revizjoni ta' Skeda 16.

Fl-gheluq, l-Assistenti Kummissjonarji Elettorali nominati mill-partiti jistghu jaghmlu x-xoghol li s-soltu jsir mill-agenti tal-partiti.

48. **Taqsima XII** (Artikli 80 sa 84) - **Votazzjoni fi Djar ta' Anzjani** - Id-disposizzjonijiet kollha ta' din it-taqsima ghandhom jigu estizi ghall-isptarijiet bil-ghan li persuni rikoverati l-isptar, ikollhom il-facilita' li jivvutaw fl-isptar stess minghajr hafna tahbit u nkonvenjenza kemm ghalihom kif ukoll ghall-amministrazzjoni ta' l-isptar.

Din it-taqsima ghandha tipprovdi illi kull Dar ta' l-anzjani u kull Sptar, ikollhom kaxxa ta' voti ghal kull wiehed mit-tlettax il-Distrett Elettorali. B'hekk il-votanti li jivvutaw f'Dar tal-anzjani jew fi Sptar, ikunu jistghu jivvutaw fil-kaxxa tad-distrett ta' fejn huma registrati, u mhux f'kaxxa ta' voti mhallta *(mixed box)*.

Konsulent mediku li jkun jidhirlu li pazjent tieghu mhux f'qaghda fizika li jmur jivvota ghandu jaghmel certifikat f'dan is-sens u jibghatu lil Kummissjoni Elettorali.

49. **Artiklu 82(1)(b) - Dmirijiet ta' persuni responsabbli ghat-tmexxija ta' Djar ta' l-Anzjani** - Fit-tielet linja ta' dan is-sub-artiklu, wara l-kelma "xoghol" jidhlu l-kliem "minn lejliet". Din l-emenda qieghda tigi proposta ghaliex is-sotto kumitat ikollu bzonn biss l-ismijiet ta' l-impjegati li f'xi hin jistghu jkunu fuq id-doveri taghhom waqt il-votazzjoni.

50. **Artiklu 83(1) - Min ghandu jzomm id-dokument ghall-votazzjoni** - Id-dokument ghall-votazzjoni ghandu jinzamm jew mill-elettur nnifsu jew mic-Chairman tas-sotto kumitat.

51. **Artiklu 83(2) - Ghazla ta' l-elettur f'Dar ta' l-Anzjani** - Id-dikjarazzjoni li qieghda tintuza fir-rigward ta' dan is-sub-artiklu, ghandha ssir fil-presenza tal-membri tas-sotto kumitat, u d-decizjoni trid tigi komunikata lid-delegati tal-partiti. Kull applikazzjoni li ssir taht dan is-sub-artiklu ghandha ssir kemm jista' jkun malajr wara l-konsenja tad-dokument ta' votazzjoni u sa' mhux aktar tard minn gimgha qabel jum il-votazzjoni.

52. **Artiklu 83(3) - Elettur akkumpanjat minn** ***personnel*** - Ix-xoghol li jsir minn dan l-istaff ghandu jkun meqjus bhala xoghol normali taghhom, u allura l-hlas ghalih ikun parti mill-paga li huma jircievu.

53. **Artiklu 83(5) - Persuni awtorizzati jidhlu fi Djar ta' l-Anzjani** - Kull persuna li tkun giet awtorizzata tidhol fid-Dar ta' l-Anzjani, ghax-xoghol normali taghha, ghal xoghol tal-process elettorali, jew ghaliex membri tal-familji, ghandhu jkollhom karta ta' identifikazzjoni mahruga mill-Kummissjoni Elettorali.

54. **Artiklu 86(9) - Bidu ta' l-ghadd tal-voti** - Dan is-sub-artiklu jimponi illi l-ghadd tal-voti jkun jista' jibda biss meta jkunu waslu l-kaxxi kollha, u li tkun saret ir-*reconciliation* tal-voti kollha mitfugha. Dan huwa process li jiehu fit-tul u mhux necessarju. Il-process ghandu jibda immedjatament malli jasslu l-kaxxi, hekk kif tasal kull kaxxa u l-process ta' *reconciliation* isir kontemporanjament.

55. **Artiklu 89 - Kandidati u Agenti** - Il-partiti politici ghandhom jinghataw id-dritt li jappuntaw numru ta' persuni "Amministrativi" fil-qasam tal-kompjuter, xoghol segretarjali, telekommunikazzjoni u servizzi bazici.

56. **Artiklu 90 - Il-post fejn isir l-Ghadd** - Ghandu jigi stabbilit in-numru ta' gurnalisiti/*personnel* sabiex ma jkunx hemm numru eccessiv ta' personnel li jkun jista jintuza wkoll mill-partiti fuq xoghol tal-process elettorali. Il-Kummissjoni Elettorali ghandha taghti lista dettaljata tal-*personnel* kollu li jkun gie akkreditat minnha sabiex iwettaq xi funzjoni fil-jiem ta' l-ghadd tal-voti, fil-post fejn isir l-ghadd. Din il-lista ghandha tinghata mill-inqas hamest ijiem qabel jum il-votazzjoni.

It-test tas-sub-artiklu (f) fil-verzjoni bil-Malti ma taqbilx mal-verzjoni bl-ingliz.

Is-sub-artiklu (h) huwa ripetizzjoni tas-sub-artiklu (d)

Rigward is-sub-artiklu (m) ghandu jkun hemm distinzjoni cara biex jigi determinat min ghandu access u ghall-liema parti tal-kumpless fejn l-ghadd ikun qieghed isir. Barra minn dan, ghandu jigi stabbilit illi delegati u sostituti taghhom biss ikunu jistghu jidhlu fir-*restricted areas.*

57. **Artiklu 97 - Ftuh tal-kaxxi** - Il-kaxxi ghandhom jinfethu fl-istess hin, imma separati biex il-voti ma jithalltux. Ghalhekk dan l-artiklu ghandu jigi emendat billi l-ewwel sentenza tigi taqra hekk "Il-kaxxi tal-votazzjoni ghandhom jinfethu b'mod li kull kaxxa tkun separata minn ohra u li ma jkunx hemm possibilta' li l-voti ta' kaxxa jithalltu ma' dawk ta' kaxxa ohra."

58. **Artiklu 112(1) - Pieni ghal reati dwar formuli ecc -** Dan is-sub-artiklu ghandu jigi emendat billi jizdiedu bhala reati l-kazijiet meta (a) persuna tivvota f'distrett li ma tkunx irregistrata fih; (b) persuna taccetta li tircievi d-dokument ghall-votazzjoni ta' persuna ohra meta tkun taf li dik il-persuna tkun tilfet id-dritt ghal vot; (c) persuna taccetta li tircievi d-dokument ghall-votazzjoni meta tkun taf li tkun tilfet id-dritt li tivvota; (d) persuna tivvota meta tkun taf li tkun tilfet id-dritt li tivvota.

59. **Skeda 14 -** Fit-tmien linja jitnehha l-kliem "ta' mija u ghoxrin kelma".

60. **Diskrepanzi fit-test Malti u fit-test Ingliz -** Ghandhom isiru l-korrezzjonijiet kollha elenkati fl-Anness 11 mad-dokument sottomess mill-Kummissjoni Elettorali u li jinsab fl-Anness E4 ta' dan ir-rapport.

61. **Emendi Generali**

(a) Il-pjazzament tal-kandidati u tal-partiti fuq il-*ballot sheet* ma' ghandux jibqa' jsir skond l-alfabet, izda ghandu jsir bil-polza.

(b) Il-kelma "Kummissjonarju" ghandha titnehha kull fejn tidher fl-Att XXI/91 u tigi sostitwita bil-kelma "Kummissarju".

(c) Kull meta jkun hemm bzonn li jigu stampati dokumenti ghall-votazzjoni mill-gdid (doppji) dawn id-dokumenti ghall-votazzjoni ghandhom ikollhom il-kelma "KOPJA" stampata fuqhom.

(d) Ghandha tigi kkunsidrata l-possibbilta' li tintuza kartoncina jew tertuqa bil-*braille* daqs il-karta tal-vot biex tghin lil min hu nieqes mid-dawl biex jivvota minghajr ebda assistenza.

(e) It-terminu *"working days"* ghandu jitnehha u konsegwentement it-termini jibqghu ghaddejjin fil-Hdud u l-Festi. Bhala konsegwenza ta' din l-emenda jkun irid jitnehha wkoll l-artikolu li jipprovdi ghall-estensjoni ta' termini li jibdew jew jispiccaw il-Hdud jew f'gurnata ta' festa u f'certi kazijiet ghandu mnejn ikun hemm bzonn li jizdiedu xi granet mat-termini, bhal per ezempju, fil-kaz ta' appelli u proceduri legali ohra.

**(II) Proposti li jistghu jikkontribwixxu biex ir-rizultat ahhari ta' Elezzjoni Generali jithabbar aktar kmieni milli sar s'issa**

Fl-introduzzjoni ghal dan ir-rapport, intqal illi t-tielet mira tal-Kummissjoni kienet illi jigu identifikati mizuri illi jhaffu l-process elettorali kollu u ghalhekk jippermettu illi r-rizultat finali ta' Elezzjonijiet Generali jkun maghruf fi zmien relattivament aqsar minn dak ta' llum. Naturalment, l-identifikazzjoni ta' dawn it-tip ta'mizuri tiddependi, sa' certu punt, fuq is-sistema elettorali li tintghazel. Hekk, per ezempju, jekk jintuza l-metodu ssuggerit mill-Professur Anton Buhagiar (ara Sezzjoni A ta' dan ir-rapport), m'hemmx dubju li dik is-sistema tkun tippermetti illi r-rizultat fuq bazi nazzjonali jkun maghruf fi zmien ftit sieghat wara l-gheluq tal-votazzjoni fis-sens illi jkun maghruf kemm il-siggu intrebah minn kull partit u f'liema distretti ntrebhu.

Izda hemm mizuri ohra li jistghu jittiehdu, anke jekk wiehed jiehu s-sistema wzata llum, liema mizuri jikkontribwixxu sostanzjalment biex jitnaqqas il-hin li sa' llum qieghed jittiehed biex jibda l-process ta' l-ghadd tal-voti, biex jigi konkluz u biex jirrendi l-process aktar fluwidu.

Il-Kummissjoni tiddiskutiet dan l-aspett u taqbel illi ghandhom jigu kkunsidrati dawn il-proposti :

1. Il-kaxxi tal-voti ghandhom jinfethu biex il-voti jigu ccekjati mal-*Ballot Paper Account* immedjatament kif kull kaxxa tigi kkonsenjata lill-Kummissjoni Elettorali, u mhux kif sar s'issa, u cjoe' li l-kaxxi jinftehu biss meta jigu kkonsenjati kollha kemm huma. Biex dan isir, iridu jigu emendati l-artikli 85 u 86 tal-Att XXI/91. F'din il-fazi tkun tista' tinfetah aktar minn kaxxa wahda ghal kull distrett, sakemm jigi zgurat illi l-voti relattivi ma jithalltux.

2. Il-process ta' rikonciljazzjoni ta' voti mitfugha jkun jista jsir kontemporanjament mal-process fuq imsemmi (para 1).

3. Fil-fazi ta' l-ghadd ta' l-ewwel preferenzi assenjati lill-kandidati, l-Kummissjoni tkun tista tghodd it-totali ta' zewg kandidati kontemporanjament b'dan pero', li ghandha tissepara fizikament l-ghadd ta' kandidat minn iehor.

4. Ghandha tinstab sistema kif jigi eliminat id-dewmien kawzat minhabba li xi kaxxi jkun fihom voti mhallta. Gie ssuggerit li l-persuni li jkunu ser jivvutaw barra mill-lokal taghhom (ghal ragunijiet specifici) jigu mistiedna sabiex jivvutaw ilkoll f'centru apposta (Ta' Qali stess) fil-gurnata ta' qabel l-Elezzjoni

Generali, gewwa kaxxi separati (igiefiri tlettax il-kaxxa differenti) b'mod li jigu eliminati ghal kollox il-kaxxi ta' voti mhallta.

Dwar dan, qieghda ssir riferenza wkoll ghal proposta Nru 48 fis-Sezzjoni B(I) ta' dan ir-rapport, u li fiha gie ssuggerit illi r-residenti f'Djar ta' l-Anzjani u fl-Isptarijiet ghandhom jivvutaw f'kaxxa tad-distrett ta' fejn huma registrati u mhux f'kaxxa ta' voti mhallta.

L-implimentazzjoni ta' din il-proposta kemm fid-Djar ta' l-Anzjani, kif ukoll fl-Isptarjiet bhal St. Luke's, f'St. Vincent de Paule u fl-isptar Boffa, hi suggetta ghal kondizzjoni illi l-karti tal-vot jithalltu ma' dawk ta' kaxxi ohra ta' l-istess distrett meta jaslu ghas-*sorting* u ghall-ghadd tal-voti, specjalment jekk in-numru ta' pazjenti minn distrett wiehed ikun aktar baxx minn numru li jrid jigi stabbilit. Dan biex tigi evitata kull possibbilta li vot ta' pazjent ikun identifikabbli.

5. Ghandha ssir emenda biex id-*decimal fractions* ikunu accettabbli ghal skopijiet ta' kalkoli daqs il-*vulgar fractions*. B'hekk fil-kalkolu ta' trasferimenti, jkunu jistghu jintuzaw *decimal remainders* u mhux *fractional remainders* bhal ma jsir illum.

6. Il-kalkulazzjonijiet jistghu jsiru permezz tal-kompjuters.

7. Il-Kummissjoni qablet illi dak li llum qieghed isir fl-ghadd tal-voti bi ftehim formali bejn il-partiti politici, bhal per ezempju, meta jigu miftuha u ssortjati zewg kaxxi flimkien, ghandu jinghata b'mod fakultattiv lill-Kummissjoni Elettorali. Ghalhekk ghandhom jidhlu l-emendi necessarji fl-Att XXI/91, sabiex

il-Kummissjoni tkun tista' tiftah sa' tliet kaxxi f'daqqa f'kull distrett izda tissepara l-ghadd ta' kaxxa minn ohra biex il-voti ma jithalltux.

## (III) Proposti u kummenti generali dwar oqsma specifici.

Din is-sezzjoni tittratta zewg oqsma specifici identifikati bhala ta' importanza kbira sabiex tkompli tikber il-fiducja tal-poplu Malti u tal-partiti politici fil-process elettorali kollu kemm hu. Dawn iz-zewg oqsma huma : (A) l-karta ta' identita' u l-amministrazzjoni taghha u (B) l-uzu tal-kompjuters u tal-informatika mill-Kummissjoni Elettorali.

### (A) Il-Karta ta' l-Identita.

Huwa fatt maghruf illi d-*database* li fuqu jinbena ir-Registru Elettorali huwa l-istess wiehed li fuqu hija bbazata s-sistema tal-Karta ta' Identita'. Ghaldaqstant hemm rabta intrinsika bejn il-process elettorali u l-amministrazzjoni u l-hrug ta' karti ta' identita' lil cittadini Maltin. Sa' llum, il-karta ta' identita m'hijiex uzata direttament fil-process elettorali, fis-sens illi jintuza dokument iehor, maghruf bhala l-"Dokument ghal Votazzjoni" (Art 46 tal-Att XXI/91).

Illum ghalhekk, ghandna zewg sistemi li jitilqu mill-istess sors ta' informazzjoni, imma li jimxu fuq linji paralleli biex jaqdu zewg funzjonijiet li sa' llum inzammew separati minn xulxin. M'hemmx dubju illi, bl-introduzzjoni ta' l-informatika, sitwazzjoni bhal din ghandha tigi rrangata minnufih, sabiex tippermetti illi sistema tkun tista' tintuza bhala verifika ghas-sistema l-ohra.

Imma sakemm jintlahaq dak l-istadju, huwa assolutament necessarju illi jsir sforz biex l-amministrazzjoni tas-sistema tal-karti ta' identita ssir b'mod aktar efficjenti. Dan qieghed jinghad ghaliex dan il-fattur wahdu jista' jkun wiehed mir-ragunijiet ewlenin ghad-dubbji u suspetti li jistghu jinqalghu minn zmien ghal zmien.

Ghalhekk il-Kummissjoni taqbel illi :

1. Il-Kummissjoni Elettorali ghandha tinghata l-personnel adegwata biex tibda minnufih process biex il-karti ta' identita' kollha li jkunu skaduti, jigu mgedda u s-sistema tigi aggornata b'mod li dan it-tigdid jibqa' jsir b'mod mill-aktar efficjenti u effikaci. Din ghandha tkun priorita' ghal Kummissjoni Elettorali.

2. Ghandu jinstab mezz kif il-karta ta' l-identita tigi *upgraded* ghal dik li hi sigurta', biex din tkun tista tigi wzata fil-process elettorali bhala *double-check* fuq l-identita' tal-persuna li tkun sejra tivvota.

3. Ir-ritratti tal-karta ta' l-identita' (kif ukoll dawk tad-dokument ghall-votazzjoni) ghandhom ikunu ta' kwalita tajba u ghandhom jibdew ikunu tal-kulur.

4. Ghandhom jidhlu proceduri aktar stretti ta' kontroll fuq id-*data* li tidhol fid-*database* kif qieghed jigi ssuggerit fis-sezzjoni li jmiss ta' dan ir-rapport.

## (B) L-informatika u l-Kompjuters.

Il-Kummissjoni kellha l-opportunita li tisma spjegazzjoni dettaljata tas-sistemi w proceduri ta' informatika li l-Kummissjoni Elettorali tuza sabiex (a) tibni d-*database* li fuqu johrog ir-Registru Elettorali; (b) zzomm d-*data* aggornata; (c) zzomm is-sistema protetta minn abbuz jew zbalji; (d) tipprotegi l-konfidenzjalita' vis-a-vis terzi persuni u (e) tikkuntratta s-servizzi ta' informatika li jkollha bzonn.

Minn dak li ntqal lill-Kummissjoni, irrizulta illi hemm bzonn jittiehdu mizuri ferm aktar stretti sabiex proceduri ta' kontrolli u sigurta' li diga jezistu, jigu mplimentati fil-prattika, u jidhlu mizuri ohra ta' kontroll li jeliminaw kull possibilta' ta' zball jew abbuz.

Il-Kummissjoni jidrilha illi dan ukoll huwa aspett ta' prijorita' assoluta u ghalhekk tirrikmanda illi malajr kemm jista' jkun, jittiehdu dawn il-mizuri :

1. Il-Kummissjoni Elettorali ghandha tizgura illi jkunu mpjegati taghha stess li jhaddmu s-sistemi informatici kollha konnessi mas-sistema u mal-process elettorali u mhux tiddependi ghal dan fuq terzi persuni.

2. L-Ufficcju Elettorali ghandu jkollu n-nies tieghu li jkunu kkwalifikati u mharrga fit-teknika tal-kompjuters, bhal *Systems Analyst* u ohrajn, u li jifhmu wkoll ir-responsabbilta' u s-sigurta' tas-sistema. Il-Kummissjoni Elettorali ghandha tinghata l-fakolta' li timpjega lil dawn il-persuni malajr kemm jista' jkun.

3. Ghandhom jigu mplimentati b'mod ferm aktar strett, il-mizuri ta' sigurta' li diga jezistu, u ghandhom jiddahhlu mizuri ohra ta' sigurta' biex ikun hemm kontroll ahjar ta' min ghandu l-access ghal-*terminals* u *keyboards* tal-kompjuters. L-uzu ta' *passwords*, *finger-print access*, *sleeper facilities* u *system audits* huma ta' importanza krucjali sabiex il-livelli differenti ta' l-impjegati tal-Kummissjoni jkunu kontinwament kontrollati mill-aspetti ta' sigurta', konfidenzjalita', zbalji u anke abbuz, kif ukoll sabiex ikun hemm metodu ta' kif jinstab min ikun responsabbli f'kaz ta' xi nuqqas.

4. Ghandhom jiddahhlu pieni horox ghal min jinqabad jabbuza b'xi mod, mis-sistema tal-informatika kollha wzata gewwa l-Ufficcju Elettorali.

5. Is-*software* li l-Ufficcju Elettorali qieghed juza llum, ghandu jigi sfruttat sal-massimu possibbli, sabiex huwa nnifsu jiggenera *audit trails* u *checks* ghal entrati doppji, zbaljati jew b'xi mod immodifikati minghajr awtorizzazzjoni jew raguni valida. Barra minn dan, l-istruttura tad-*database* tal-Kummissjoni ghandha tinbidel billi r-*records* ta' persuni mejta, barranin jew persuni li b'xi mod jew ghal xi raguni, m'ghandhom id-dritt tal-vot, jigu trasferiti minn dik id-*database* ghal ohra separata, minnflok kif qieghed isir illum, fejn dawn ir-*records* jibqghu fl-istess *database* imma jigu *tagged*.

## Konkluzjoni

Il-membri tal-Kummissjoni jixtiequ jirringrazzjaw lil kull min ta xi kontribut sabiex hi tkun tista' tasal ghal-konkluzjonijiet u rakkomandazzjonijiet taghha. Kull ma huwa ssuggerit jew propost f'dan id-dokument huwa l-frott tal-kontribut li sar

lil-Kummissjoni mill-membri taghha stess u l-esperti li qabbdet, mill-pubbliku, mill-partiti politici u mill-Kummissjoni Elettorali.

Dr L. Gonzi
Chairman tal-Kummissjoni

Dr Austin Gatt
Membru

Dr Paul Lia
Membru

Dr Wenzu Mintoff
Membru

J. R. Grima
Segretarju tal-Kummissjoni